**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Chantelle Casha)**

**vs**

**Antonio Moscato**

**Kumpilazzjoni numru 77/2018**

**Illum 8 ta' Frar, 2018**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Antonio Moscato detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 182752 (A) billi huwa akkuzat talli b'diversi atti maghmula minnu fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda u cioe:

1. Talli nhar it-23 ta' Jannar 2018 ghall-habta ta' 15:18hrs u/jew hinijiet ohra ikkommetta serq ta' oggetti li l-valur taghhom jiswa aktar minn mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu ghad-detriment ta' Patrick Spiteri minn Attard u/jew persuni ohra, liema serq huwa aggravat bil-valur;

2. U aktar talli bi hsara tas-sid, ghamel vjolazzjoni ohra kontra l-propjeta ta' haddiehor, mhux imsemmija fil-paragrafi ta' qabel ta' dan l-artikolu u lanqas band'ohra f'dan il-kodici ghad-detriment ta' Patrick Spiteri minn Attard u/jew persuni ohra;
3. U aktar talli laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentament b'kull mod iehor li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexixhom;
4. Talli nhar il-25 ta' Jannar 2018 ghall-habta ta' 16:42hrs u/jew hinijiet ohra ikkommetta serq ta' oggetti li l-valur taghhom jiswa minn mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu ghad-detriment ta' Patrick Spiteri minn Attard u/jew persuni ohra, liema serq huwa aggravat bil-valur;
5. U aktar talli bi hsara tas-sid, ghamel vjolazzjoni ohra kontra l-propjeta ta' haddiehor, mhux imsemmija fil-paragrafi ta' qabel ta' dan l-artikolu u lanqas band'ohra f'dan il-kodici ghad-detriment ta' Patrick Spiteri minn Attard u/jew persuni ohra;
6. U aktar talli laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat , sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod iehor li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;
7. U aktar talli naqas milli jhares il-kundizzjonijiet imposti mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. N. Galea Sciberras fid-digriet taghha datat 18 ta' Awwissu 2017 li bih inghata l-helsien mill-arrest taht garanzija personali ta' erbat elef u tlett mitt Ewro (€4,300) u depozitu ta' seba' mitt Ewro (€700). Il-Qorti giet gentilment mitluba li tghaddi l-imsemija somom ta' flus favur il-Gvern ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mill-ligi, tordna lill-imsemmi persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif pruvat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali datat 8 ta' Frar 2018 biex il-kaz ikun trattat bi procedura sommarja.

**Ikkunsidrat:**

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta tal-llum ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Il-Prosekuzzjoni ddikjarat liema huma l-akkuzi alternattivi ghal xulxin u komprisi fl-ewwel (1) u r-raba' (2) akkuza.

Semghet s-sottomissjonijiet finali mill-Prosekuzzjoni u d-difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m'ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri u li huwa first time offender.

Din il-Qorti dwar piena tirrileva u dan b'referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet Ir-**Repubblika ta' Malta v. Rene` sive Nazzareno Micallef** moghtija fit-28 ta' Novembru 2006:

> *"Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu mportanza, fost affarijiet ohra, kemm ir- rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic- cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena."*

Il-Qorti taghmel referenza ghal Il-**Gmiel tar-Riabilitazzjoni**[1]:

*Min minna ma jagħmilx xi żball fil-ħajja? Anzi, xi darba tant nagħmlu żbalji koroh li mhux biss ikun diffiċli li xi ħadd jaħfrilna, imma lanqas naħfru lilna nfusna. Jgħaddu s-snin u nibqgħu nġorru din l-għoqda fl-istonku tagħna sakemm insibu l-okkażjoni li xi ħadd jgħinna nerġgħu nqumu fuq saqajna – sakemm niltaqgħu ma' xi ħadd u jerġa' jirriabilitana.*

*[...]*

*Kemm għandna bżonn noffru dejjem aktar lil min jiżbalja l-opportunità li jerġa' jirriabilita ruħu! Fil-familji, fis-soċjetà kif ukoll fil-Knisja hemm wisq individwi li ġew imqiegħda fil-ġenb minħabba xi għemil żbaljat tagħhom. Ħafna drabi l-qorti tal-poplu tagħti s-sentenza tal-kundanna, imma mbagħad ma tammettix appell!*

*Persuni bħal dawn qed jitkarrbu biex jerġgħu jiġu rriabilitati. Mhux qed ngħid li l-ħażin nibdew ngħidulu tajjeb. Żball jibqa' żball; imma persuna li tagħmel l-iżball għandha dejjem tingħata l-possibbiltà li jekk trid u jiddispjaċiha tal-iżball li tkun għamlet, hija ssib l-għajnuna biex terġa' tqum fuq riġlejha u terġa' tibda tikteb paġna ġdida fl-istorja tagħha u tal-familja tagħha.*

*Inħoss li s-soċjetà tagħna għadha ma temminx biżżejjed fil-qawwa tal-proċess tar-riabilitazzjoni. Ikun ħafna aħjar li s-soċjetà, anki jekk b'ħafna tbatija, tirkupra wieħed mill-membri tagħha li jkun żbalja u*

[1] L-Isqof Mario Grech nhar Il-Ħamis 3 ta' Awwissu 2017 f'B'Bugia

*tgawdi mill-ħiliet varji tiegħu, milli biex tissodisfa s-sens ta' vendetta, tiskarta u tarmi. Aħjar nirriskjaw li dak li jkun nagħtuh il-fiduċja u jerġa' jagħmilhielna, milli nagħlqu l-bieb għal kulħadd, anki għal nies ġenwini li jiżbaljaw u jixtiequ jitwieldu mill-ġdid!*

Dwar il-flagell tad-droga tkellem Papa Frangisku meta kien qiegħed jindirizza lil dawk li ħadu sehem fil-31 edizjoni tal-***"International Drug Enforcement Conference"*** nhar il- Ġimgħa, 20 ta' Ġunju 2014.

*Il-flagell tad-droga qed ikompli jinxtered f'forom u f'dimensjonijiet li jimpressjonawk; hu sostnut minn suq moqżież li ma jafx bi fruntieri nazzjonali u kontinentali. U b'hekk qed ikompli jikber il-periklu għaż-żgħażagħ u għall-adolexxenti. Quddiem fenomenu bħal dan, inħoss il-ħtieġa li nuri n-niket u l-preokkupazzjoni tiegħi.*

*Irrid ngħid b'mod ċar ħafna li d-droga ma tintrebaħx bid-droga! Id-droga hi xi ħaġa ħażina, u fejn hemm dak li hu ħażin la tista' ċċedi u lanqas tagħmel kompromessi.*

Il-Qorti thoss li fic-cirkostanzi l-aktar piena idoneja hi ta' piena karcerarja ta' sitt xhur u dan biex minnufih l-imputat jinqala' mit-triq li qabad u sakemm fi ftit xhur ohra johrog lura fis-socjeta' jkun diga' beda t-trattament ghall-vizzju serju li ghandu u li qieghed idahhlu fl-inkwiet.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-mottivi il-Qorti wara li rat l-Artikoli indikati issib lill-imputat hati u tikkundannah sitt xhur prigunerija.

Il-Qorti qeghda taghmel ordni ta' supervizjoni ghal tliet snin millum biex il-Probation Officer assenjat jara li l-imputat jinghata l-ghajnuna biex jeghleb il-problemi ta' abbuz mid-droga.

In konkluzzjoni l-Qorti qeghda tqieghed lill-hati taht ordni ta' trattament ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kodici Kriminali, liema ordni qieghed isir ghal perjodu ta' tliet (3) snin bil kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' sorveljanza u trattament b'Digriet tallum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation sabiex jassenja ufficjal tal- probation biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza ta' l-imputat Antonio Moscato.

Inoltre, il-Qorti invista li l-imputat instab hati tal-akkuzi migjuba kontrih u allura kiser wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu biex inghata l-liberta provizorja tirrevoka il-helsien mill-arrest akkordat permezz tad-digriet ta' t-18 ta' Awwissu 2017, in oltre tordna il-konfiska tad-depozitu ta' seba' mitt ewro (€700) u l-garanzija personali ta' erbat'elef u tlett mija (€4,300), total ta' hamest elef Euro (€5,000) favur il-Gvern ta' Malta.

---

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**